MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2009

Numru 1340/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**
**vs**

**MAURIZIO MASSIMILIANO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Maurizio Massimiliano ta' 42 sena mwieled gewwa l-italja nhra it-28 ta' Novembru 1964 bin Giovanni u Luigia nee' Della Calli residenti gewwa Nru 4 Triq l-Ispizjar Sciberas Msida detentur ta' karta tal-Identita Nru 0011464A.

Billi gie akkuzat talli matul il-perjodu ta' bejn it-28 ta' Dicembru 2006, u ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi Atti, maghmulin ukoll jkekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-

istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

a) f'xi jum, matul il-perjodu ta' bejn it-28 ta' Dicembru 2006 u il-jiem ta' qabel din id-data, ikkommetta serq ta' oggett u cioe' apparat ta' 'hi-fi stereo tal-ghamla Kenwood' liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jiskorrix nl-elf lira Maltija u biex xorta tal-haga misruqa sar a detriment ta' sid mhux maghruf, u dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 267, 271, 278 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) U aktar matul il-perjodu ta' bejn Novembru 2006 u ix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer ikkometta serq ta 'Stereo tal-ghamla Clarion' liema serq li huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa sar a detriment ta' sid mhux maghruf u dan ai terminu tal-artikoli 261, 263, 271, 278 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli f'diversi postijiet fil-gzejjer Maltin, u cioe nhar il-25 ta' Dicembru 2006, 26 ta' Dicembru 2006 u fix-xhur ta' Ottubru U Novembru xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement indahal sabiex ibieghhom jew imexxhihom u cioe' apparat ta 'stereo' tal-marka Kenwood a detriment ta' sid mhux maghruf u dan ai termin tal-artikoli 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati ta' diversi reati, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala TMP1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna iddikjara li ghadu kif gie infurmat minn Dr Philip Galea Farrugia avukat difensur tal-imputat, li l-imputat bi hsiebu jirregistra ammissjoni. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza a) u ghall-akkuza b) migjuba kontra l-imputat li jirrigwardjaw serq aggravat u ghaldaqstant talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tielet akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 31, 49, 50, 289, 261(b), (c) u (g), 263, 271, 278(3), 280(2) u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Maurizio Massimiliano, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat Maurizio Massimiliano ghall-piena komplessiva ta' erbatax (14) il-xahar prigunerija.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Maurizio Massimiliano li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward l-imsemmija tielet akkuza u kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija tielet akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni.

Inoltre il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Maurizio Massimiliano sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' mitejn u seba' u sebghin Euro u disa' u tmenin centezmi ta' Euro (Euro 277.89) rappresentanti spejjes inkorsi f'din il-kawza bil-hatra tal-espert Martin Bajada.

Finalment il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jassisti lill-imputat biex l-imputat ikun jista' jkompli il-kors tas-SATU kontra l-vizzju tad-drogi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------